**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- MATRIMONIUM RATUM SED NON CONSUMMATUM -**

**- ARTIKOLU 19A(1) TAL-KAP. 255 -**

**Illum 3 ta' Dicembru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 111 / 14RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-23 ta' Lulju,2000 fil-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar kif jidher mic-certifikat taz-zwieg;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1 d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dan iz-zwieg hu null minhabba impotenza tal-intimat u dan ai termini tal-artikolu 19(1 e) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat ghax ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1 h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi z-zwieg tal-partijiet huwa wkoll null a bazi tal-artikolu 19A(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwiegijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Lulju,2000 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art.19(1)(d), (e), (f ) u (h) u tal-Art.19A(1) tal-Att XXXVII tal-1975 (Kap 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat r-riferta pozittiva lill-konvenut li pero’ ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat n-nota tal-attrici tal-1 ta’ Lulju 2014 li permezz taghha ppresentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 fejn giet nominata Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju,

Rat n-nota tal-attrici tat-22 ta' Lulju 2014 li biha pprezentat l-affidavit ta' Charles B u ta' Frances B, u n-nota tas-7 ta' Ottubru 2014 li biha pprezentat l-affidavit ta' Laurabelle B,

Rat x-xhieda tat-tabib Dottor Josie Muscat li xehed fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, u c-certifikat mediku minnu ppresentat fl-istess seduta market Dok JM1, fol 33 tal-process,

Rat n-nota ta'sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fil-5 ta'Marzu 2015,

Rat r-riferta tal-4 ta'Mejju 2015, li minnha jirrizulta li l-konvenut gie notifikat personalment bl-imsemmija nota, izda ma pprezentax nota responsiva,

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

**Provi tal-Attrici**.

Fl-affidavit taghha[1] **l-attrici** kkonfermat li ma tantx harget ma' guvintur, li bdiet tohrog mal-konvenut fin-1997 meta hi kellha tnejn u ghoxrin sena u hu kellu hamsa u ghoxrin sena. Hi ddikjarat li l-konvenut kien passiv u taciturn. Wara laqgha kazwali mal-kappillan attendew ghall-kors ta' Kana, izda dahlu ghaz-zwieg b'mod awtomatiku, minghajr l-ebda diskussjoni u entuzjazmu li normalment ikollhom namrati herqana biex jizzewgu. Il-genituri tal-attrici offrewlhom id-dar tan-nanna taghha, izda kemm missier il-konvenut, kif ukoll l-istess konvenut ma kienux kuntenti, ghalhiex missieru ppretenda li l-post ikun fuq ibnu wkoll, u l-konvenut ha antipatija mal-post, li ddeskrivih bhala 'imbarazz'.

L-attrici tikkonferma li waqt l-gherusija kienu jkunu dejjem fil-kumpanija tal-genituri taghha, u qatt wahedhom, u dan kien il-kagun li qatt ma saru jafu sew lil xulxin. L-attrici tammetti li kieku ddedikaw aktar hin ghal xulxin, probabilment kienu jirrejalizzaw li ma kienux kompatibbli u ma kienux jizzewgu.

[1] Fol. 11

Inqalghet kontroversja dwar il-post, il-konvenut ma riedx jirranga l-post tan-nanna tal-attrici, u nsista li jifittxu post ghal rashom. F'Awissu 1999 sabu post f'Marsascala, l-attrici tiddikjara li l-konvenut dahaq biha, billi bl-iskuza li hu kien impjegat fil-Bank u li seta' jibbenefika minn kondizzjonijiet vantagjuzi, partikolarment l-imghaxijiet, il-kuntratt sar f'ismu biss u mhux f'isem it-tnejn.

Il-post kien jiswa Lm30,000, li minnhom l-attrici hallset Lm9,000 mill-Lm10,000 li kienet taghatha n-nanna taghha. Dan kien sitt xhur qabel iz-zwieg.

Izzewgu fit-23 ta' Lulju 2000, marru honeymoon fl-Isvizzera izda z-zwieg baqa' ma giex ikkunsmat. L-attrici tixhed li fl-intimita' taghhom qatt ma kien hemm penetrazzjoni u li hi baqghet vergni. Lura mill-honeymoon, l-konvenut ddikjara li ma riedx jmur id-dar, cioe' Marsascala, izda ried jmur Hal Balzan fejn joqghodu l-genituri tieghu.

Dwar dan l-attrici tghid 'Jien kont ser mmut'. Anke missieru stess irrimproverah, u qallu li postu hu ma' martu. L-attrici tikkonferma li l-konvenut ma kienx kuntent fid-dar f'Marsascala, u li fl-ewwel sena 'konna niggieldu hafna'. Dwar l-intimita' ta' bejniethom tghid hekk: 'Sesswalment C qatt ma kien jidher komdu u kollox qisu nofs qalb. Konna nersqu lejn xulxin mhux aktar minn darba fix-xahar, dejjem il-Hadd filghaxija f'xi l-10pm u kien idum ftit minuti kollox. C qatt ma kien ippenetrani.'

L-attrici tiddikjara li kienet tipprova tattirah izda kien jirrifjutaha u kienet tibki sakemm torqod. Wara li ghaddew seba' snin u l-post kien thallas, l-attrici tiddikjara li bdiet tipprepara ruhha biex forsi ikollhom tarbija. Attendew ghall-kors ta' *family planning,* bdiet izomm chart u tiehu t-temperatura, izda fl-att sesswali baqa' qatt ma kien hemm penetrazzjoni, u l-konvenut kien jgib l-iskuza tax-xoghol biex ma jkollux x'jaqsam. Marru ghand it-tabib Dottor Josie Muscat li ghamlilha 'smear test' u sab li l-attrici kienet vergni ghalkemm kien ilhom is-snin mizzewgin.

L-attrici ddikjarat li tant kienet tixtieq l-ulied li kkovincit lill-konvenut sabiex jaghmlu l-IVF, izda anke hawn, il-konvenut ma kkoperax u kien igerger u jirrabbja. L-ewwel okkazzjoni ma rnexxitx, l-attrici ppruvat tikkonvinci lill-konvenut biex jergghu jipprovaw izda dan ma ridx, u billi kienet tibza' minn certu hars tieghu, irrasenjat ruha u ma baqghetx tinsisti.

L-attrici kkonfermat li r-relazzjoni ta' bejniethom baqghat hazina minghajr l-ebda manifestazzjoni ta' mhabba bejniethom, li kienet taghmel kollox ghalih. Apparti l-facendi tad-dar kienet tiehdu x-xoghol u terga' tmur ghalih. Pero' ma kien japprezza xejn u jghidilha 'xejn specjali dak xoghol il-mara'.

L-attrici xehdet li fi tlettax-il sena ta' zwieg ma kien hemm l-ebda mumenti ta' ferh, kull jum fit-8pm kien jmur jaqra' fuq is-sodda u jorqod, kien dejjem biered fil-konfront taghha u kienu qishom ahwa u mhux koppja mizzewgin.

Bhala l-ahhar tentattiv, l-attrici rrikorriet ghand 'marriage counsellor', fejn irrizulta li l-konvenut kellu bzonn ghajnuna psikjatrika. L-konvenut kien ibati minn fissazzjonijiet ta' precizzjoni u ezattezzi li ghamel il-konvivenza mpossibli. Wara beda joffendi u jghajjar lill-attrici, partikolarment meta skopriet li missierha kien qed ibghati minn kancer u kienet qed tqatta' hafna mill-hin taghha ghand il-genituri taghha.

Il-partijiet sseparaw fit-8 ta'April 2014. L-attrici tikonkludi li soffriet hafna kemm psikologikament kif ukoll emozjonalment; dahlet f'relazzjoni li qatt ma bdiet ma' bniedem impossibli li qatt ma ried jiehu responsabilita' ta' xejn, li ried seftura u mhux siehba fiz-zwieg, u li ma kienx kapaci jiehu l-ebda decizjoni, tant li kien ikun dejjem akkumpanjat minn missieru f'kull laqgha waqt is-separazzjoni. L-attrici tixtieq li wara dan l-inkubu jkollha l-opportunita' li jkollha familja taghha u tghix hajja trankwilla.

**Charles B,** missier l-attrici, ddikjara fl-affidavit tieghu[2] li l-konvenut kien l-ewwel guvni li bintu harget mieghu bis-serjeta'. Ma kienx jitkellem meta kien jkun id-dar ghandhom, kien stramb u ffissat fil-festi u ma kien juri l-ebda sinjali ta' affezzjoni lejn bintu. Hu wkoll rrakkonta l-incident tal-ajruport meta l-konvenut ma riedx jmur Marsascala mal-attrici, izda ghand il-genituri tieghu. Anke matul iz-zwieg ma kienx jarahom ferhanin bhal koppji normali li jinhabbu. Hu ddikjara li ma kienx sorpriz meta bintu qaltlu li ser tissepara billi kien konvint li l-konvenut ma kienx jhobb lill-attrici, kien jittrattha hazin, u ma kienx jaf x'jinvolvi zwieg, x'kienu r-responsabilijiet fiz-zwieg u wisq anqas jassumi tali responsabilitajiet.

**Frances B,** omm l-attrici, fl-affidavit taghha[3] ikkonfermat li l-konvenut kien l-ewwel boyfriend bis-serjeta' tal-attrici, li kemm hi kif ukoll zewgha ddubitaw minn din r-relazzjoni billi la kienu jitkellmu u wisq anqas jinhabbu bhal namrati normali. Hi tiddeskrivi l-konvenut bhala taciturn, irrikonoxxenti u f'xi okkazjonijiet partikolari nsolenti. Hi ddikjarat li l-konvenut ghandu fissazzjoni fuq l-istatwi u l-festi u xejn aktar, jghix hajja ghar-rasu, ta' 'single', mhux kapaci jhobb u jerfa' r-responsabiltajiet taz-zwieg. L-attrici dejjem kienet mdejqa mieghu, u kien biss wara li sseparat li rrkuprat il-karattru ferriehi u generuz taghha.

---

[2] Fol. 22
[3] Fol. 24

**Laurabelle B**, oht l-attrici, fl-affidavit taghha[4] ikkonfermat li l-konvenut kien l-ewwel guvni li kellu relazzjoni serja ma' ohtha, l-attrici. Hi wkoll rrakkontat ic-cirkostanzi biex wasslu li l-konvenut ma riedx id-dar li offrietilhom in-nanna, li ghamel zmien ma jkellimhomx u jiskarthom u li wara l-honeymoon lanqas ried imur fil-post ta' Marsascala, izda ried imur ghand ommu Hal Balzan. Hi kkonfermat li kienet 'close' hafna ma' ohtha qabel iz-zwieg, pero' wara il-komunikazzjoni bejniethom naqset drastikament. Hi ffurmat l-opinjoni li l-konvenut kien bniedem stramb, solitarju u bla ebda affezzjoni fil-konfront tal-attrici, li mieghu saret nervuza u dejjem imdejjqa. Kien biss wara li sseparat li ohtha regghet ghal li kienet cioe' ferrieha u thobb il-kumpanija. Il-konvenut kien esigenti u rikonoxxenti mal-attrici, kien jesigi kollox minnha. Kienet issajjarlu, isseftirlu, u anke twasslu x-xoghol u terga tigbru wara x-xoghol, izda hu flokk kelma tajba kien igerger, jmaqdarha u jimbarazzaha quddiem il-membri tal-familja. Hi tghid "Qatt ma smajt lil C jikkumplimenta lil ohti f'xi haga".

Hi kkonkludiet li l-konvenut hu egoist hafna, passiv u jbaghti minn fissazzjonijet partikolarment, li ma ssirx hsara fuq l-ghamara.

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, quddiem l-Assistent Giudizzjarju, xehed it-tabib **Dottor Josie Muscat**[5] li kkonferma li l-partijiet marru ghandu peress li wara tmien snin zwieg ma kellhomx tfal. Irrizultalu li l-att sesswali ma kienx qed isir b'mod korrett billi ma kienx hemm penetrazzjoni. Hu kkonferma u esebixxa c-certifikat tat-2 ta' Novembru 2013, fejn spjega lir-ragel x'ghandu jaghmel biex il-mara tohrog tqila, u li t-tnejn kienu f'sahhithom u seta jkollhom it-tfal. Hu kkonferma, in oltre, li qabel sar dan ic-certifikat kien ezamina lill-attrici u rrizulta li kienet ghadha vergni.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attrici**.

L-attrici qed titlob li iz-zwieg bejn il-kontendenti kuntrattat fit-23 ta' Lulju 2000 ghandu jigi ddikjarat null u bla effett fil-ligi u dan fit-termini tal-Artikolu 19(1) (d), (e), (f) u (h) u tal-Artikolu 19A(1) tal-Att XXXVII ta' 1975 Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 19 (1) :**

*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg jkun null skont xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

---

[4] Fol. 27
[5] Fol. 30

*- omissis -*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*

*(e) jekk xi waħda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, iżda biss jekk dik l-impotenza tkun teżisti qabel iż-żwieġ;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;*

*- omissis -*

*(h) jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.*

**Artikolu 19A(1):**

*Zwieg validu jista jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wahda minhabba li l-parti l-ohra tkun rrifjutat tikkonsma l-istess zwieg.*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

In tema legali jinghad illi l-gurisprudenza nostrana dejjem qieset l-istitut taz-zwieg bhala wiehed ta' ordni pubbliku. Fil-kawza fl-ismijiet '**Anna Tonna vs Alexander Tonna'** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal s-segwenti:

"F'materja ta' zwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax taghamilha daqshekk facili li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facili u espedjenti. Hawn m' ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma fil-kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-deskrizzjoni u jsiru maturi.

Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor.

Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubju."

Fil-kawza fl-ismijiet **A. T. xebba V vs A. T.** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 1988 ntqal:

"Talba ghan-nullita taz-zwieg ma tistax tigi milquha semplicement ghax il-konvenut jaghzel li jammetti t-talba. Il-kawza tan-nullita' trid tigi ppruvata mill-partijiet ghas-sodisfazzjon tal-Qorti."

**Matrimonium Ratum Sed Non Consummatum**

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina t-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 A(1) tal-Kap 255 li jipprovdi illi zwieg validu jista jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wahda minhabba li l-parti l-ohra tkun rrifjutat tikkonsma l-istess zwieg.

Dan ghaliex jekk tali kawzali tirrizulta ma jkunx mehtieg li jigu ezaminati l-kawzali l-ohra mressqa mill-attrici. Rilevanti jigi osservat illi l-Artikolu 19 A (1) jitratta dwar zwieg validu u cioe' illi huwa applikabbli anke f'dawk il-kazijiet fejn fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg il-kunsens taz-zewg partijiet kien validu.

L-attrici fl-affidavit taghha tikkonferma li l-konvenut sesswalment, qatt ma kien jkun komdu, la kien hemm inizzjattiva da parti tieghu u l-anqas partecipazzjoni attiva, f'kliemha " kollox qisu nofs qalb" apparti l-fatt li mumenti ta intimita' bejniethom kienu rari "mhux aktar minn darba fix-xahar". Ripetutament tiddikjara li waqt l-intimita' taghhom qatt ma kien hemm penetrazzjoni, tipprova tattirah, jirrifjutha u taghmel lejl tibki. Dan kollu gie kkonfermat mit-tabib Dottor Josie Muscat li ezamina lill-attrici u seta' jiccertifika li <u>wara li l-partijiet kienu ilhom tmien snin mizzewga l-attrici kienet ghadha vergni.</u>

Importanti li jigi rilevat li t-tabib ezamina lill-koppja, u mhux lill-attrici biss. Irrizulta li t-tnejn huma b'sahhithom u jista' jkollhom it-tfal: Jghid hekk Dr. Muscat: "Both A's and C's work up showed that they are healthy and could bear children"

**Dan iffisser li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tal-artikolu 19A(1).**

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta wkoll fil-fehma tal-Qorti illi fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg il-konvenut kien qed jeskludi b'mod pozittiv mhux biss id-dritt ghall-att taz-zwieg izda wkoll iz-zwieg innifsu fit-termini tal-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255** li jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

Gie ritenut illi "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega…..Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta ta' dik il-parti." ("**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" – Qorti tal-Appell – 27 ta' Jannar 2006).

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew izzwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz.

Fis-sentenza "**Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard**" (Prima' Awla - ta' Marzu 2000) inghad: "Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin," "Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ammissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta abbundantament illi fil-mument li l-partijiet resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat billi volontarjament u pozittivament kien qed jeskludi  miz-zwieg tieghu mal-attrici

element essenzjali tal-hajja mizzewga fit-termini tal-artikolu 19(1)(f) tal Kap 255 meta huw manifest li a priori kien qed jiddeciedi, ad insaputa tal-attrici, illi ma jkunx hemm l-att taz-zwieg bejniethom wara z-zwieg.

Ghandha tinghata d-debita importanza ghall-fatt, li wara il-konsultazzjoni medika li sehhet tmien snin wara z-zwieg tal-partijiet fejn stabbilit li l-attrici kienet ghadha vergni, l-konvenut xorta wahada baqa' jippersisti fid-determinazzjoni tieghu li ma jaghmilx l-att taz-zwieg mal-attrici.

It-talbiet attrici, ghalhekk jirrizultaw abbondantement ipprovati  a tenur taz-zewg artikoli tal-ligi fuq citati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Fic-cirkostanzi mhux il-kaz li l-Qorti titratta kawzali ohra imressqa mill-attrici.

**Spejjez Gudizzjarji.**

Fir-rigward tal-ispejjez il-Qorti hi tal-fehma illi tenut kont li r-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg de quo kollha huma imputabbli lill-konvenut, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Lulju 2000, huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu19(1)(f) u tal-artikolu 19A(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li r-Registratur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**